**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Marzu, 2002

**Numru 8**

**Avviz. numru 177/02JR**

**Paolo Bonnici Limited**

**vs**

**Kevin Pace**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fid-29 ta' Jannar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tnejn u disghin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm392.33) prezz ta' merkanzija varja lilu mibjugha u konsenjata fil-hanut Sweets Confectionery, A. Cachia Zammit Street, Zejtun;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-13 ta' Ottubru, 1998, u bl-imghaxijiet mill-istess data, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Ramon Rossignaud ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u disghin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm392.33) bl-imghaxijiet legali mit-13 ta' Ottubru, 1998.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-13 ta' Ottubru, 1998, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**